# RIĦ FUQ

Grow old along with me,
The best is yet to be.
*(Browning.)*

*Bejn id-dlamijiet tal-ġuf u dawk tal-qabar,*
*Hemm id-dwal, il-lwien u l-hena ta' bin-nhar;*
*Għad li l-ħajja hi qasira u l-mewt kiefra,*
*Għal xi żmien dirgħajna jkunu ta' l-azzar.*

*Jiġri x'jiġri jien inħoss għandi nistqarr*
*Mhux tassew illi l-ħajja kollha mrar;*
*Jien niftakar f'Mejju msaħħar, Ġunju l-ikħal,*
*Waqt id-dlam, is-sried, u d-dwejjaq ta' Jannar.*

*Robert Browning jien ngħodd l-aqwa fost il-kbar;*
*Il-filosfu pessimist, filosfu ħmar;*
Melius esse quam non esse *qal Wistinu* :
*Żomm il-frasi. Fiha x'tomgħod u x'tixtarr.*

*Wara kollox kien li kien u sar li sar,*
*Kull triq s'issa dejjem wasslitna fid-dar;*
*Dak li ħadna s'issa ħadd ma joħodhulna,*
*U—min jaf?—forsi li għadu ġej l-aħjar.*

Novembru 1948.

EMANUEL AGIUS.